MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2003

Numru 333/2002

Il-Pulizija
(Sp Alexandra Mamo)
vs
Daniel Lanzon, iben Alexander,
imwieled Pieta' fit-30 ta' settembru, 1985

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli f'dawn il-Għejjer, matul dawn l-aħħar snin, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda –
a. għamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħalaq pattijiet, dispożizzjonijiet, jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi daħħal dawn il-pattijiet, dispożizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi,

wara li kienu ġew iffirmati, inkella billi żied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew jippruvaw, u cioe', billi ffalsifika l-firma ta' Mary Bell, mara anzjana, fuq ċekkijiet maħruġa mid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali tal-Ingilterra, u fuq dokumenti oħra, u talli xjentement għamel użu minn att, kitba jew skrittura falza msemmija hawn fuq;
b. talli f'diċembru, 2001 u fix-xhur ta' wara, ikkometta serq ta' ċekkijiet maħruġa lil Mary Bell mid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali tal-Ingilterra, liema serq ġie kommess mill-fond numru 10, Triq Matty Grima, Cospicua, liema serq sar għad-dannu ta' l-imsemmija Mary Bell u persuni oħra, liema reat hu aggravat bil-ħin, bil-mezz u bil-lok;
ċ. xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew
akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod li jkun indaħal biex ibiegħhom jew
imexxihom;
d. b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann jew billi wera ħaġa b'oħra, sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' ħiila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, għamel qliegħ b'qerq li jammonta għal aktar minn Lm100 għad-dannu ta' mary Bell u persuni oħra.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali eżebita fis-seduta tat-28 ta' mejju, 2002 fejn ta
l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' marzu, 2003 fejn l-imputat ikkonsenja l-flus kollha dovuti u li ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' marzu, 2003 fejn il-partijiet qablu li l-imputat kien minorenni meta ġraw dawn il-fatti.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tat-tielet akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn tali akkuża. Issibu ħati tal-ewwel, tat-tieni u tar-raba' akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 183, 184, 261(b)(e)(f), 263, 269(g), 270, 278(1)(2)(3), 308, 309 u 310(1) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446
tal-Liġijiet ta' Malta billi għal perjodu ta' tlett snin mil-lum tqiegħed lill-imputat taħt is-sorveljanza tal-Probation Officer Carmen Borg.

--------------------------------TMIEM--------------------------------